MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 55/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Christopher Sciberras**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta’ Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta’ elf, sitt mija u tlettax-il Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM1613.21), rapprezentanti self u imghaxijiet fuq Flexicredit Loan**

**Account bin-numru 073-019218-300, skond applikazzjoni datata 13 ta' Novembru, 1998, u ftehim datata 17 ta' Novembru, 1998 (Anness u mmarkat Dok. A1 u A2), u kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok. B;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali ta' l-11 ta' Jannar tas-sena 2001, u l-25 ta' Lulju tas-sena 2003 kontra l-konvenut, u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8.75% fis-sena mit-22 ta' Settembru tas-sena 2000 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata 24 ta' Marzu tas-sena 2004 li biha s-socjeta' attrici rriduciet l-ammont mitlub fl-avviz ghal elf erba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (LM1,487.37) stante pagamenti fil-mori tal-kawza;**

**Rat in-nota tal-konvenut datata l-24 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut ammetta it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (LM1,487.37), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------